Vide Decision No 211 dated 20/2/85

# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## Interpretazzjoni ta' Decizjoni Nru 211

KAZ NRU 301

Wara d-Decizjoni Nru 211 fil-kwistjoni tax-xoghol

bejn

il-General Workers' Union ghan-nom ta' Josette Carachi

u

Fairs & Exhibition Limited

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ingusta

Date: 14 ta' Marzu, 1985

CHAIRMAN: MR A H CAMILLERI CPAA, ACMA.

1. INTRODUZZJONI

Permezz ta' ittra li ggib id-data ta' 26 ta' Frar, 1985 is-Sur Angelo Bartolo, Segretarju tat-Taqsima Kimika u Haddiema Generali tal-G.W.U. ghan-nom ta' Josette Carachi talab bir-rispett lit-Tribunal Industrijali sabiex taht id-disposizzjoni ta' l-Artikolu Nru 35 ta' l-Att XXX tal-1976, jaghti interpretazzjoni tad-Decizjoni Nru 211 li t-Tribunal ta fil-21 ta' Frar, 1985 peress li hemm nuqqas ta' qbil bejn l-appellant, Mrs Josette Carachi u l-Kumpanija Fairs and Exhibition Limited dwar il-perijodu tal-hlas tal-bonus dovut lil Mrs J Carachi.

2. INTERPRETAZZJONI

It-Tribunal Industrijali fl-Award Nru 211 ta' 21 ta' Frar, 1985 uza dawn il-kelmiet:-

> "it-Tribunal jordna lil Kumpanija Fairs & Exhibition Limited thallas fi zmien xahar, nofs il-paga u l-bonus dovut lil Mrs J Carachi ta' kemm damet barra."

.../2

It-Tribunal huwa tal-fehma li b'dan il-kliem li uza hawn fuq, kien car bizzejjed. Huwa ordna 'nofs il-paga u l-bonus.' Dan ma jistax ifisser hlief nofs il-paga u l-bonus kollu tal-perijodu li Mrs J Carachi ghamlet barra mill-impieg wara li giet dikjarata redundant mill-1 ta' Awissu, 1983.

Permezz ta' din l-ispjegazzjoni, it-Tribunal itemm il-kwistjoni dwar it-talba mill-Appellant ghal Interpretazzjoni tad-Decizjoni Nru 211.

A. H. CAMILLERI
Chairman

Edw. D'Agostino
A/Segretarju

Data: 14 ta' Marzu, 1985

ja